Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/539

10.3.2026

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/539

## tal-20 ta' Jannar 2026

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment stabbilit mill-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investiment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investiment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola (il-"Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/829 [1] u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2024.

(2) Skont l-Artikolu 45(1) tal-Ftehim, il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment (il-"Kumitat") għandu jkollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fejn previst fil-Ftehim.

(3) L-Artikolu 44(2) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat għandu jadotta fl-ewwel laqgħa tiegħu r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat, peress li d-deċiżjoni prevista tal-Kumitat fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu ser tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.

(5) Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni jenħtieġ li tkun li tappoġġa l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kumitat fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, peress li dawk ir-Regoli ta' Proċedura huma meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tal-Kumitat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment (il-"Kumitat") għandha tkun ibbażata fuq it-test tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

2. Korrezzjonijiet tekniċi minuri għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat jistgħu jiġu miftiehma mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Jannar 2026.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. KERAVNOS

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/829 tal-4 ta' Marzu 2024 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investiment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola (ĠU L, 2024/829, 8.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/829/oj).

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI NRU 1/2026 TAL-KUMITAT DWAR IL-FAĊILITAZZJONI TAL-INVESTIMENT STABBILIT MILL-FTEHIM GĦALL-FAĊILITAZZJONI TAL-INVESTIMENT SOSTENIBBLI BEJN L-UNJONI EWROPEA U R-REPUBBLIKA TAL-ANGOLA**

**ta' …**

**rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment**

IL-KUMITAT DWAR IL-FAĊILITAZZJONI TAL-INVESTIMENT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investiment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola ([1]), iffirmat f'Luanda fis-17 ta' Novembru 2023, u b'mod partikolari l-Artikolu 44(2) tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Adozzjoni**

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment, kif stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, huma b'dan adottati.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment*

| *Għall-Angola* | *Il-Kopresidenti* | *Għall-Unjoni Ewropea* |
|---|---|---|

([1]) ĠU L, 2024/830, 8.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree/2024/830/oj.

*ANNESS*

REGOLI TA’ PROĊEDURA TAL-KUMITAT DWAR IL-FAĊILITAZZJONI TAL-INVESTIMENT

*Artikolu 1*

**Responsabbiltà u Isem tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment**

1. Il-Kumitat stabbilit bis-saħħa tal-Artikolu 43 tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Investiment Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Angola (minn hawn ’il quddiem “il-Ftehim”) huwa responsabbli għall-kwistjonijiet kollha msemmijin fl-Artikolu 44 tal-Ftehim.

2. Il-Kumitat għandu jissemma fid-dokumenti tiegħu, inklużi d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet, bħala l-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment.

*Artikolu 2*

**Kompożizzjoni u Presidenza**

1. Skont l-Artikolu 43 tal-Ftehim, il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea (minn hawn ’il quddiem “l-Unjoni”) u tar-Repubblika tal-Angola (minn hawn ’il quddiem “l-Angola”).

2. Il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment għandu jkun kopresedut, rispettivament, għall-Unjoni mill-Membru tal-Kummissjoni Ewropea inkarigat mill-kummerċ u, għall-Angola, mill-Ministru tal-Ippjanar, jew mill-persuni appuntati rispettivi tagħhom.

*Artikolu 3*

**Segretarjat**

1. Uffiċjal mid-dipartiment taħt ir-responsabbiltà ta’ kull Kopresident imsemmi fl-Artikolu 2(2), għandu jaġixxi flimkien bħala s-Segretarjat tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment.

2. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra l-isem, il-pożizzjoni u d-dettalji ta’ kuntatt tal-uffiċjal li jkun il-membru tas-Segretarjat tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment għal dik il-Parti. Dan l-uffiċjal jitqies li jkompli jaġixxi bħala membru tas-Segretarjat għall-Parti sad-data li fiha l-Parti tkun innotifikat membru ġdid lill-Parti l-oħra.

*Artikolu 4*

**Laqgħat**

Il-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment għandhom jissejħu mill-Kopresident tal-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.

*Artikolu 5*

**Delegazzjonijiet**

F’perjodu ta’ żmien raġonevoli qabel il-laqgħa, l-uffiċjal li jkun qed jaġixxi bħala s-Segretarju tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment għal kull Parti għandu jinforma lill-uffiċjal li jaġixxi bħala s-Segretarju tal-Parti l-oħra dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni u tal-Angola rispettivament. Il-listi għandhom jispeċifikaw l-isem u l-funzjoni ta’ kull membru tad-delegazzjoni.

*Artikolu 6*

**Aġenda tal-laqgħat**

1. Mill-inqas 14-il jum qabel il-laqgħa, is-Segretarju tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment għandu jfassal aġenda provviżorja għal kull laqgħa fuq il-bażi ta’ proposta magħmula mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa. Il-Parti l-oħra għandha tingħata skadenza biex tipprovdi l-kummenti tagħha.

2. Il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment għandu jadotta l-aġenda fil-bidu ta’ kull laqgħa. Il-punti li ma jidhrux fl-aġenda provviżorja jistgħu jitqiegħdu fl-aġenda b’kunsens.

*Artikolu 7*

**Stedina tal-esperti**

Il-Kopresidenti tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment jistgħu, bi ftehim reċiproku, jistiednu esperti (jiġifieri uffiċjali mhux governattivi) biex jattendu l-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġetti speċifiċi u għal dawk il-partijiet biss tal-laqgħa fejn jiġu diskussi tali suġġetti speċifiċi.

*Artikolu 8*

**Minuti**

1. L-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa għandu jitfassal mill-uffiċjal bħala membru tas-Segretarjat tal-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa, fi żmien 15-il jum minn tmiem il-laqgħa, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Kopresidenti. L-abbozz tal-minuti għandu jintbagħat għall-kummenti lill-membru tas-Segretarjat tal-Parti l-oħra.

2. Bħala regola ġenerali, il-minuti għandhom jiddeskrivu fil-qosor kull punt fl-aġenda, u fejn applikabbli jispeċifikaw:

(a) id-dokumenti kollha ppreżentati lill-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment;

(b) kwalunkwe dikjarazzjoni li wieħed mill-Kopresidenti tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment ikun talab li tiddaħħal fil-minuti; u

(c) id-deċiżjonijiet meħuda, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula, id-dikjarazzjonijiet maqbula u l-konklużjonijiet adottati dwar punti speċifiċi.

3. Il-minuti għandhom jinkludu lista tad-deċiżjonijiet kollha tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment meħuda bi proċedura bil-miktub skont l-Artikolu 9(2) mill-aħħar laqgħa tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment.

4. Anness għall-minuti għandu jinkludi wkoll lista tal-ismijiet, it-titli tal-individwi kollha li attendew il-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment u f'liema kapaċità għamlu dan.

5. Is-Segretarju għandu jirrevedi l-abbozz tal-minuti fuq il-bażi tal-kummenti riċevuti u l-abbozz tal-minuti, kif rivedut, għandu jiġi approvat mill-Partijiet fi żmien 30 jum mid-data tal-laqgħa, jew minn xi data oħra miftiehma mill-Kopresidenti. Ladarba approvati, is-Segretarjat għandu jistabbilixxi żewġ kopji oriġinali tal-minuti, u kull Parti għandha tirċievi kopja oriġinali tal-minuti.

*Artikolu 9*

**Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1. Il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment jista' jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha meta l-Ftehim jipprovdi hekk. Il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment għandu jadotta deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet b'kunsens reċiproku, kif previst fl-Artikolu 45 tal-Ftehim.

2. Fil-perjodu bejn il-laqgħat, il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment jista' jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet permezz tal-proċedura bil-miktub.

3. It-test ta' abbozz ta' deċiżjoni jew rakkomandazzjoni għandu jiġi ppreżentat bil-miktub minn Kopresident lill-Kopresident l-ieħor fil-lingwa ta' ħidma tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment. Il-Parti l-oħra għandu jkollha xahar, jew kwalunkwe perjodu itwal ta' żmien speċifikat mill-Parti proponenti, biex tesprimi l-qbil tagħha mal-abbozz ta' deċiżjoni jew rakkomandazzjoni. Meta l-Parti l-oħra ma tesprimix il-qbil tagħha, id-deċiżjoni jew ir-rakkomandazzjoni proposta għandha tiġi diskussa u tista' tiġi adottata fil-laqgħa li jkun imiss tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment. L-abbozz tad-deċiżjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala adottati ladarba l-Parti l-oħra tesprimi l-qbil tagħha u dawn għandhom jiġu rreġistrat fil-minuti tal-laqgħa sussegwenti tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment skont l-Artikolu 8(3).

4. Fejn il-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment ikollu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet skont il-Ftehim, dawn l-atti għandu jingħatalhom it-titolu ta' "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni" rispettivament. Is-Segretarjat tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment għandu jagħti numru tas-serje progressiv, id-data tal-adozzjoni u deskrizzjoni tas-suġġett għal kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni. Kull deċiżjoni u rakkomandazzjoni għandha tipprevedi d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

5. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment għandhom jiġu stabbiliti f'żewġ kopji, awtentikati mill-Kopresidenti u kopja tiġi trażmessa lil kull Parti.

*Artikolu 10*

**Trasparenza**

1. Il-Partijiet jistgħu jaqblu li jiltaqgħu fil-pubbliku.

2. Kull Parti tista' tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha jew online.

3. Id-dokumenti kollha sottomessi minn Parti għandhom jitqiesu bħala kunfidenzjali, sakemm dik il-Parti ma tiddeċidix mod ieħor.

4. L-aġendi provviżorji tal-laqgħat għandhom isiru pubbliċi qabel issir il-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment. Il-minuti tal-laqgħat għandhom isiru pubbliċi wara l-approvazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 8.

5. Il-pubblikazzjoni tad-dokumenti msemmija fil-paragrafi 2 sa 4 għandha ssir f'konformità mar-regoli applikabbli tal-protezzjoni tad-data ta' kull Parti.

*Artikolu 11*

**Lingwi**

Il-lingwi ta' ħidma tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment għandhom ikunu l-Ingliż u l-Portugiż, sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor.

*Artikolu 12*

**Spejjeż**

1. Kull Parti għandha tkopri l-ispejjeż li ġġarrab b'riżultat tas-sehem tagħha fil-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment, b'mod partikolari fir-rigward tal-persunal, l-ivvjaġġar u n-nefqa għas-sussistenza kif ukoll fir-rigward tan-nefqa fuq vidjokonferenzi jew telekonferenzi, u fuq il-posta u t-telekomunikazzjoni.

2. In-nefqa b'rabta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandha tinġarr mill-Parti li tkun qiegħda tospita l-laqgħa.

3. In-nefqa marbuta mal-forniment tas-servizzi tal-interpretazzjoni bejn il-lingwi ta' ħidma matul il-laqgħat tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment tinġarr mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa, sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor.

*Artikolu 13*

**Emendi għar-Regoli ta' Proċedura**

Dawn ir-Regoli ta' Proċedura jistgħu jiġu emendati bil-miktub b'deċiżjoni tal-Kumitat dwar il-Faċilitazzjoni tal-Investiment f'konformità mal-Artikolu 9.